MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-27 ta' Frar, 2004

Appell Civili Numru. 560/1981/1

**Vivian Bianchi u Michael Bianchi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Bianchi Trading and Shipping Ltd.**

**vs**

**Periti Italo Raniolo u Edward Bencini solidalment bejniethom**

**Il-Qorti:**

**<u>PRELIMINARI</u>**

**<u>IC-CITAZZJONI TA' L-ATTURI NOMINE</u>**

B'citazzjoni pprezentata fit-28 ta' Mejju 1991, l-atturi wara li ppremettew li huma inkarigaw lill-konvenuti sabiex jaghmlu l-pjanti u dak ix-xoghol necessarju oltre li jissorveljaw ix-xoghol ta' kostruzzjoni ta' "cistern" fi proprjeta` ta' l-atturi nomine fil-Wardija u ghal liema progett il-konvenuti ovvjament kellhom jaghmlu dak kollu li kien hemm bzonn sabiex l-istess jista' jiehu kwantita` kbira ta' ilma; illi recentement l-atturi skoprew difetti serji f'dan l-istess "cistern" b'mod li ghandu xquq kbar u allura mhux tajjeb ghall-iskop intiz u li ghalih gie mibni, u per konsegwenza gew kagunati danni ingenti lill-atturi nomine; illi l-konvenuti ovvjament ma esegwewx sewwa x-xoghol lilhom affidat u dana minhabba traskuragni, imperizja, nuqqas ta' hila u non kuranza fl-ezercizzju tal-professjoni taghhom u inadempjenza ta' l-inkarigu lilhom fdat b'rizultat li sal-lum dan l-istess cistern ghadu ma giex riparat mill-konvenuti u per konsegwenza ghadu ma jintuzax ghall-iskop intiz; talbu lil din il-Qorti sabiex prevja d-dikjarazzjoni illi x-xoghol li ghalih gew inkarigati l-konvenuti mill-atturi nomine huwa difettuz u ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghal dan huma responsabbli l-konvenuti minhabba nuqqas ta' hila, traskuragni, imperizja u non kuranza fl-ezercizzju ta' l-arti u professjoni taghhom, il-konvenuti jigu solidament:

(i) ikkundannati biex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom iffissat minn din il-Qorti jaghmlu kull ma huwa necessarju sabiex ix-xoghol difettuz jigi riparat u jsir skond l-arti u s-sengha u dana ghas-spejjez ta' l-istess konvenuti;

(ii) ghaliex fin-nuqqas li jottemperaw ruhhom mas-sentenza m'ghandhomx l-atturi jigu awtorizzati jaghmlu x-xoghol necessarju huma stess a spejjez tal-konvenuti u dana taht sorveljanza ta' Perit imqabbad mill-Qorti, jekk jidhrilha xieraq u opportun.

(iii) jigu dikjarati responsabbli ghad-danni versu l-atturi nomine, liema danni jigu likwidati per opera ta' periti nominati.

(iv) jigu kundannati li jhallsu lilll-atturi dik is-somma li tigi hekk likwidata in linea ta’ danni u dana skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

B’riserva ta’ kwalsiasi azzjoni spettanti lill-atturi u bl-ispejjez komprezi dawk ta’ erba’ ittri legali kontra l-konvenuti li minn issa jibqghu ingunti ghas-subizzjoni.

**<u>L-ECCEZZJONIJIET TAL-KONVENUTI</u>**

Il-konvenuti ecceppew hekk:-

(i) illi fl-ewwel lok huma gew inkarigati bhala periti fix-xoghol tat-Torri tal-Wardija minn Vivianne Bianchi personalment u mhux mid-Ditta Bianchi Trading and Shipping Limited.

(ii) illi kuntrarjament ghal dak li hemm allegat fic-citazzjoni, mhux minnu li l-eccipjenti ma esegwewx sewwa x-xoghol lilhom fdat, bhal ma huwa ghal kollox infondat il-fatt li kien hemm xi nuqqas, traskuragni, imperizja, nuqqas ta’ hila u non-kuranza fl-ezercizju tal-professjoni taghhom.

(iii) illi effettivament jidher illi dak li gara kien li l-istess Bianchi naqas milli jutilizza l-imsemmija cisterna ghal snin shah u dan akkopjat mal-fatt li t-terren huwa tat-tafal u slittanti, ta lok ghal xi konsenturi f’angolu ta’ l-imsemmija cisterna – konsenturi, kif wiehed ghandu jistenna li javveraw ruhhom bhala fattur normali u facilment rimedjabbli.

**<u>IS-SENTENZA APPELLATA</u>**

3. Il-Prim Awla tal-Qorti Civili b’sentenza moghtija fl-14 ta’ April 1999 iddecidiet il-kawza billi filwaqt li cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, laqghet it-talbiet attrici billi:

(i) iddikjarat lill-konvenuti solidament bejniethom responsabbli ghax-xoghol difettuz li sar fic-cisterna ta’ l-atturi billi dan ma sarx skond l-arti u s-sengha u ghalhekk responsabbli ghad-danni fil-konfront ta’ l-atturi.

(ii) ikkundannat lill-konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta’ hamest elef u seba’ mitt lira Maltin (Lm5,700) ghas-

saldu tad-danni kollha minnhom kagunati u konsistenti dan l-ammont fil-valur necessarju sabiex jissewwew id-difetti u l-hsara fl-istess cisterna u sabiex dawn ix-xogholijiet isiru mill-istess atturi skond kif dettaljat fir-rapport tal-periti perizjuri.

(iii) hatret lill-AIC Frederick Doublet bhala l-perit responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-ezekuzjoni tax-xogholijiet necessarji kif fuq inghad.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti.

**L-APPELL TAL-KONVENUTI**

4. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u appellaw minnha bl-aggravju illi l-ewwel Qorti applikat hazin il-ligi u ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi biex waslet ghal konkluzjoni taghha.

(i) **Applikazzjoni tal-ligi**

Illi f'din l-istanza l-attur qieghed jaghmel zewg talbiet principali u cioe` wahda billi qieghed jitlob lill-Qorti biex tipprefiggi terminu perentorju lill-esponenti biex jigi riparat ix-xoghol allegatament difettuz u fin-nuqqas li jottemperaw ruhhom ma' l-ordni tal-Qorti, l-istess xogholijiet isiru mill-atturi stess u t-tieni talba tirrigwardja likwidazzjoni u hlas tad-danni sofferti mill-attur.

Illi l-ewwel Qorti wara li iddikjarat lill-konvenuti responsabbli ghax-xoghol difettuz ikkundannathom ihallsu lill-attur is-somma ta' Lm5700 "sabiex dawn ix-xogholijiet isiru mill-istess atturi skond kif dettaljat fir-rapport tal-periti perizzjuri".

Illi din id-decizjoni tmur kontra l-istess talbiet ta' l-attur li huwa stess talab lill-Qorti biex dawn ix-xogholijiet isiru mill-esponenti a spejjez taghhom u fin-nuqqas ta' din l-inadempjenza l-istess atturi talbu lill-Qorti biex tawtorizzahom jesegwixxu x-xogholijiet huma.

Illi din id-decizjoni tal-Qorti tohrog mit-talbiet tal-kawzali dedotti u ghalhekk giet li ddecidiet "*ultra petita*".

Illi huwa principju ben not fil-gurisprudenza patria illi l-Qorti ghandha toqghod ghat-termini tal-kawzali u tat-talba kif migjuba fic-citazzjoni.

Infatti skond il-ligi tal-Procedura l-oggett u r-raguni tat-talba ghandhom ikunu imfissra car u sewwa fl-att tac-citazzjoni u ghalhekk mhuwiex lecitu illi l-kawzali tigi mibdula jew il-kawzali [recte: kawza] tigi maqtugha fuq kawzali differenti minn dik espressa fic-citazzjoni. (Vide f'dan is-sens App "Zammit vs Dr. Cassar" 23 ta' Marzu 1931; App "Farrugia vs Buttigieg" 27 ta' Gunju 1949 u App "Vassallo vs Dr. Sammut" 24 ta' April 1950 u ohrajn).

Illi l-ewwel Qorti kienet marbuta mat-talbiet ta' l-attur stess li talabha tikkundanna lill-esponenti biex jesegwixxu x-xogholijiet in kwistjoni u ghalhekk meta laqghet it-talbiet attrici ma setghetx tohrog mit-termine tal-kawzali u setghet biss tikkundanna lill-esponenti jesegwixxu x-xogholijiet huma, dejjem taht id-direzzjoni tal-Perit nominat minnha.

Konsegwentement id-decizjoni ta' l-ewwel Qorti hija nulla u ghandha tigi revokata.

(ii) **<u>Provi prodotti</u>**

Illi f'dan ir-rigward l-appellati a skans ta' ripetizzjonijiet jaghmlu riferenza kemm ghar-rapport tal-Perit Joe Cachia Fearne kif ukoll ghan-nota ta' osservazzjonijiet taghhom.

Illi mill-provi jirrizulta illi wara li gew esegwiti x-xogholijiet in kwistjoni l-attur naqas li jutilizza din c-cisterna ghal snin shah.

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti – anzi hemm qbil – illi fejn giet mibnija din ic-cisterna t-terren huwa tafli u slittanti.

Illi bin-nuqqas ta' uzu ghal snin shah tac-cisterna billi thalliet vojta ghal perjodu hekk twil ta' snin, zviluppaw konsenturi minhabba n-natura tat-terren li kien tafli bil-konsegwenza tal-hsarat li issuccedew.

Illi kieku l-attur uza din ic-cisterna billi imliha bl-ilma, t-tafal ma kienx jinqasam u l-hsara ma kinitx issir.

Konsegwentement il-kawza ta' dak li gara kienet it-traskuragni u negligenza ta' l-attur li ma uzax din ic-cisterna skond l-uzu taghha u mhux minhabba xoghol hazin da parti ta' l-appellanti.

Ghaldaqstant il-konvenuti talbu illi din il-Qorti joghgobha tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom, tichad it-talbiet attrici u konsegwentement tirrevoka s-sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ta' l-14 ta' April 1999 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

**IR-RISPOSTA TA' L-APPELL TAS-SOCJETA` ATTRICI**

5. Is-socjeta` appellata wiegbet hekk:

Illi s-socjeta attrici irceviet ir-rikors ta' l-appell tal-konvenuti li ghalih qed issir din ir-risposta.

Preliminarjament sar zball zghir dattilografu da parte ta' l-appellanti fl-isem tas-socjeta` appellata u cioe` thalliet barra il-kelma "Bianchi" fl-isem tas-socjeta`.

Illi dwar l-ewwel aggravju ta' l-appellanti u cioe` dak intitolat "Applikazzjoni tal-ligi" l-appellanti nomine jaghmlu umili riferenza ghal rikors ta' l-appell taghhom li gie prezentat fir-registru ta' dawn il-qrati fid-29 ta' April 1999 u ma ghandhom xejn xi jzidu in konnessjoni ma' l-istess.

Illi dwar it-tieni aggravju ta' l-appellanti l-esponenti jaghmlu riferenza ghaz-zewg rapporti peritali li minnhom tirrizulta inekwivokabbilment illi l-appellanti huma responsabbli ghax-xoghol hazin li sar fic-cisterna tas-socjeta` attrici, kif del resto ikkonkludiet ukoll tajjeb l-ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk in kwantu jirrigwarda din il-parti tas-sentenza, din hija korretta u ghandha tigi konfermata minn din il-Qorti u dan kemm ghar-ragunijiet moghtija mill-istess Qorti kif ukoll ghar-ragunijiet li inghataw fir-Rikors ta' l-appell prezentat mis-socjeta` esponenti, li ghalih qed issir ampja riferenza.

Ghandu jigi rilevat, ghall-precizjoni, illi ic-cisterna in kwistjoni, kuntrarjament ghal dak allegat mill-appellanti fit-tieni paragrafu ta’ l-ahhar faccata tar-rikors ta’ l-appell taghhom, qatt ma intuzat stante li kienet, sa mill-bidu nett, difettuza. Ic-cisterna qatt ma setghet tintuza u qatt ma intuzat.

Inoltre jigi rilevat ukoll, in konnessjoni mal-paragrafu sussegwenti ta’ l-istess rikors, illi fil-fatt huwa veru li wiehed jista’ jghid li hemm qbil li t-terren kien tafli u slittanti – pero` dan kienu jafuh il-konvenuti, li kienu bdew ix-xoghol huma stess qabel ma l-proprjeta` kienet giet akkwistata mis-socjeta` appellata u kwindi kien dover doppju, *per cosi` dire*, li jaraw li fil-fatt dan it-terren ma jkunx insidjuz ghall-bini li kellu jinbena fuqu. Ghax kien insidjuz kellhom jaraw li l-affarijiet isiru sewwa u ma jistghux, wara, rinfaccjati bin-nuqqasijiet taghhom, kwazi kwazi jghidu li dan kien wiehed minn dawk il-kazi ta’ “*Casus sentit dominus*”!!

La kienu jafu li t-terren kien insidjuz u slittanti, kif qeghdin jghidu huma stess li kienu jafu, messhom hadu dawk il-prekawzjonijiet necessarji u opportuni qabel ma bdew jibnu. Il-qawl Malti jghid “mar-raguni ma tridx forza” – kull kumment fuq dan ikun superflu u offiza ghall-intelligenza tal-Qorti.

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici, talbet illi din il-Qorti joghgobha tichad l-appell intavolat mill-konvenuti, almenu parzjalment, kif fuq spjegat, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**<u>RIKORS TA’ L-APPELL TAS-SOCJETA` ATTRICI</u>**

6. Da parti taghha s-socjeta` attrici interponiet hi wkoll appell separatament wara li ppremettiet hekk:

Illi l-esponenti jhossuhom aggravati parzjalment mill-effetti ta’ din is-sentenza u ghalhekk, permezz tal-prezenti Rikors, qeghdin jitolbu appell minnha fuq l-aggravju li gej.

M’hemmx dubbju illi l-ewwel Qorti sewwa ghamlet meta ddikkjarat lill-konvenuti responsabbli ghax-xoghol difettuz li kien sar fic-cisterna tas-socjeta` attrici billi l-istess xoghol

ma kienx sar skond l-arti u s-sengha u ghalhekk il-konvenuti gew dikjarati responsabbli ghad-danni fil-konfront ta’ l-atturi. Fil-fatt kemm l-ewwel perit tekniku u cioe` l-perit Joe Cachia Fearne, kif ukoll it-tlett periti perizjuri ma jhallux dubbju, fir-rapporti taghhom, dwar dan l-aspett tal-kawza u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba li dan tikkonfermah.

Fejn is-socjeta` attrici ma tistax taqbel pjenament mas-sentenza huwa meta il-Qorti illikwidat is-somma ta’ Lm5700 bhala d-danni ghas-saldu tal-pretensjoni attrici. Huwa minnu illi din il-figura kienet imsemmija mill-periti addizzjonali, pero` dan sar aktar minn tlett snin qabel ma giet pronunzjata s-sentenza u kwindi l-prezzijiet minn dak in-nhar sa llum gholew. Il-periti addizzjonali ma kellhomx alternattiva ghajr li jsemmu il-prezzijiet vigenti dak iz-zmien li huma irredigew ir-rapport taghhom. Inoltre, kif qalu tajjeb il-periti addizzjonali s-somma minnhom imsemmija hija indikattiva biss stante li jkunu jafu bl-ezatt x’sejra tkun in-nefqa attwali, meta jigu intraprizi x-xogholijiet, ghax certu element ta’ incertezza, jew ahjar “*unknown factors*” kemm fit-terren kif ukoll fl-esekuzzjoni tax-xogholijiet dejjem jezisti u ghalhekk is-somma tista’ facilment tghola.

Ghalhekk jekk meta jigu biex jigu attwati dawn ix-xogholijiet fic-cisterna, in-nefqa necessarja, sia pure taht is-sorveljanza tal-perit imqabbad mill-qorti, tkun ghola, min sejjer ihallas ghaliha? Certament li s-socjeta` attrici ma ghandhiex tisborza hi d-differenza bejn is-somma likwidata u dik attwalment minfuqa.

Minn dan ghalhekk isegwi illi s-sentenza appellata ghandha tigi riformata fis-sens li tkun konfermata f’dik il-parti taghha fejn sabet lill-konvenuti solidalment responsabbli ghax-xoghol difettuz li sar fic-cisterna ta’ l-atturi nomine billi dan ma sarx skond ma titlob is-sengha u l-arti u ghalhekk responsabbli ghad-danni fil-konfront tas-socjeta` attrici, similment li x-xogholijiet rimedjali ghandhom isiru u jigu esegwiti taht is-sorveljanza ta’ perit mahtur mill-Qorti ghal dan il-ghan, u tirriformaha fis-sens illi tikkundanna lill-istess konvenuti sabiex fi zmien qasir u

perentorju, per ezempju ta' tlett xhur, li tiffissa din il-Qorti jesegwixxu x-xogholijiet huma a spejjez u riskju taghhom u in difett li jottemperaw ruhhom ma' din il-parti tas-sentenza illi s-socjeta` attrici tigi awtorizzata tesegwixxi x-xogholijiet hija a spejjez tal-konvenuti – dejjem, jekk hekk jidhrilha din il-Qorti, taht is-sorveljanza tal-perit mahtur mill-Qorti. B'dan il-mod ikun hemm il-kontroll assolut tan-nefqa necessarja ghat-tiswija tac-cisterna kif ukoll tal-mod kif sejrin isiru x-xogholijiet minghajr ebda pregudizzju la ta' l-istess konvenuti li huma responsabbli ghad-difetti li gew riskontrati u lanqas tas-socjeta` attrici li, bl-effetti tas-sentenzi ta' l-ewwel Qorti, tista' tispicca tonfoq izjed u cioe` d-differenza bejn dak li attwalment gie likwidat mill-Qorti fis-somma ta' Lm5700 u s-somma attwalment minfuqa ghat-tiswijiet.

Ghaldaqstant is-socjeta` attrici, talbet illi din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha fil-parti taghha fejn sabet lill-konvenuti solidalment responsabbli bejniethom ghax-xoghol difettuz li sar fic-cisterna ta' l-atturi nomine billi dan ma sarx skond ma titlob is-sengha u l-arti u ghalhekk responsabbli ghad-danni fil-konfront taghhom kif ukoll fil-parti taghha fejn qalet li x-xogholijiet rimedjali ghandhom jigu esegwiti taht ir-responsabbilita` u sorveljanza ta' perit mahtur mill-Qorti, u tvarjaha billi tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din il-Qorti huma jesegwixxu x-xogholijiet necessarji a spejjez taghhom u taht ir-responsabbilita` taghhom u in difett li jaghmlu dan li s-socjeta` attrici tigi awtorizzata tesegwixxi x-xogholijiet hija stess a spejjez ta' l-istess konvenuti u x-xogholijiet kemm jekk isiru mill-konvenuti kif ukoll jekk isiru mis-socjeta` attrici jsiru dejjem taht is-sorveljanza u responsabbilita` ta' perit li jigi mahtur minn din il-Qorti – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess konvenuti.

**<u>RISPOSTA TA' L-APPELL TAL-KONVENUTI APPELLATI</u>**

7. Il-konvenuti wiegbu hekk

(i) Illi qabel xejn l-esponenti jirrilevaw illi huma ghamlu appell mill-istess sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili ta'

l-14 ta' April 1999 u ghalhekk iz-zewg appelli ghandhom jinstemghu flimkien.

(ii) illi fl-appell introdott mill-esponenti huma talbu r-revoka tas-sentenza ta' l-ewwel Qorti kemm ghaliex iddecidiet "*ultra petita*" kif ukoll ghaliex l-esponenti esegwew l-inkarigu taghhom professjonalment u skond is-sengha u konsegwentement ma kienux negligenti fl-operat taghhom u kwindi ma humiex responsabbli ghad-danni allegati mill-appellant.

(iii) illi ghal dak li jirrigwarda l-meritu u l-allegata responsabbilta` ta' l-appellati dawn jaghmlu referenza ghar-rikors ta' l-appell taghhom.

(iv) ghar-rigward ta' dan l-appell l-esponenti jirrilevaw illi huma jaqblu mas-sottomisssjoni ta' l-appellant illi x-xogholijiet rimedjali ghandhom isiru u jigu esegwiti mill-appellati dejjem jekk jigu tenuti responsabbli tad-difetti allegati mill-appellanti.

Illi kien propju dan li l-appellati ssottomettew fl-appell taghhom u talbu li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tigi revokata peress li giet deciza "*ultra petita*" kif qieghed jaqbel u jitlob l-istess appellant fir-rikors tieghu.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-esponenti umilment jissottometti illi stante li l-ewwel Qorti ddecidiet "*ultra petita*" ma hemmx triq ohra hlief li s-sentenza ta' l-ewwel Qorti tigi revokata u l-appell ta' l-attur michud bl-ispejjez kontra tieghu.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

8. F'din il-kawza, kif jirrizulta mill-premess, gew intavolati zewg appelli separatament, wiehed minn kull parti. Il-parti konvenuta qeghda titlob ir-revoka tas-sentenza appellata, filwaqt li l-parti attrici qeghda titlob biss riforma ta' parti mill-istess decizjoni.

9. Il-vertenza tirreferi ghal xoghol ta' kostruzzjoni appaltat liz-zewg konvenuti. Is-socjeta` attrici ppremettiet li x-xoghol gie esegwit hazin u dan tort tal-konvenuti u talbet,

prevja d-dikjarazzjoni li dan ix-xoghol tassew kien difettuz, li jigi dikjarat responsabbli ta' dan huma l-konvenuti u li dawn ghalhekk jigu kkundannati li jaghmlu x-xoghol rimedjali mehtieg, u fin-nuqqas li dan isir, is-socjeta` attrici tigi awtorizzata li tesegwieh hi, pero` a spejjez tal-konvenuti.

L-ewwel Qorti, wara li sabet htija ghal xoghol difettuz attribwibbli unikament lill-konvenuti, dehrilha li ghandha tiddipartixxi kemmxejn mit-talbiet attrici u dan fuq suggeriment tal-periti addizzjonali, kif ukoll ghal fini ta' pratticita`. Dik il-Qorti mmotivat is-soluzzjoni taghha hekk, "Il-Qorti wkoll taqbel mas-suggeriment tal-periti perizjuri dwar kif ghandha tigi rizoluta din il-vertenza u dan billi l-konvenuti jigu kundannati jhallsu lill-atturi somma ekwivalenti ghall-ispejjez necessarji sabiex isiru x-xogholijiet mehtiega li mbaghad isiru mill-istess atturi u dana stante li fic-cirkostanzi prezenti ma jkunx gust u prattiku li l-konvenuti jaghmlu x-xogholijiet huma fil-proprjeta` ta' l-atturi. Gie ghalhekk issuggerit li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lill-atturi s-somma ta' hamest elef u seba' mitt lira Maltin (Lm5,700) ghax-xogholijiet dettaljati fl-istima tad-danni anness ma' l-istess rapport peritali. Ma' dan certament il-Qorti ma tistax hlief taqbel".

10. Minghajr pregudizzju ghalissa dwar il-htija o meno tal-konvenuti in adempiment ta' l-inkarigu professjonali moghti lilhom, effettivament jirrizulta li kemm is-socjeta` attrici kif ukoll il-konvenuti qeghdin jaqblu li, kwantu ghall-mod kif finalment iddecidiet dik il-Qorti, hija kienet zbaljata. Fejn m'humiex invece jaqblu huwa dwar il-portata legali, ossija (x'kellha tkun) il-konsegwenza ghall-mod "hazin" dwar kif iddecidiet dik il-Qorti. Ghas-socjeta` attrici, is-sentenza moghtija tibqa' wahda valida b'dan pero` li tkun tinhtieg riforma konformement mat-talbiet kif proposti minnha fl-att tac-citazzjoni. Min-naha taghhom imbaghad, il-konvenuti – salv dejjem il-kwistjoni dwar responsabbilta` – jissottomettu li s-sentenza appellata hija wahda nulla billi din "tmur kontra t-talbiet ta' l-attur" u ghalhekk ifisser li l-ewwel Qorti "giet li ddecidiet *ultra petita*".

11. Din il-Qorti, wara li hasbet fit-tul dwar dak li gie sottomess mill-partijiet kontendenti, hija tal-fehma li minkejja l-fatt li l-ewwel Qorti jidher li ma mxietx ghal kollox konformement mat-talbiet attrici f'dak li ddecidiet, ma tara li hemm ebda nullita` ghaliex dak li l-konvenuti qeghdin jintravvedu bhala li jmur 'il hinn minn dak mitlub mis-socjeta` attrici, fir-realta` mhuwiex hekk. Dak li l-Qorti ta' l-ewwel grad kellha f'mohhha, imqar jekk proceduralment kienet skorretta, kien dak li tipprovdi soluzzjoni prattika biex tirrizolvi darba ghal dejjem il-vertenza bejn il-kontendenti, minghajr, jigifieri, il-possibbilita` ta' xi litigju ulterjuri bejniethom. Fl-istess waqt pero` ma jistax tabilhaqq jinghad li b'daqstant dik il-Qorti kienet ipprovdiet dwar hwejjeg li kienu jmorru 'l hinn minn dak mitlub. Is-socjeta` attrici allegat li x-xoghol *de quo* sar hazin tort tal-kontroparti u talbet rimedju ghal dan in-nuqqas. L-ewwel Qorti, wara li ddecidiet li tassew kien sar xoghol hazin attribwibbli lill-konvenuti, dehrilha li jkun aktar jaqbel li x-xoghol rimedjali jsir mill-ewwel mis-socjeta` attrici a spejjez tal-kontroparti konvenuta u f'somma predeterminata. Kif gia` intqal, ebda parti ma qablet ma' tali soluzzjoni. Fic-cirkostanzi, din il-Qorti jidhrilha li darba li d-domandi attrici gew dedotti bis-solita formula li tintuza f'kawzi ta' din ix-xorta, ma kienx hemm raguni sufficjenti ghal xi varjazzjoni arbitrarja da parti tal-Qorti. Fi kliem iehor, l-ewwel Qorti spiccat biex ipprovdiet rimedju billi marret mill-ewwel fuq it-tieni talba attrici u volutament skartat l-ewwel talba. Is-soluzzjoni suggerita mill-ewwel Qorti ma kenitx pero` tmur 'il hinn minn dak li fl-ahhar mill-ahhar talbet is-socjeta` attrici, u kwindi certament m'huwiex il-kaz ta' decizjoni *ultra petita*, kif gie argumentat mill-konvenuti. Ghaldaqstant l-aggravju tas-socjeta` attrici ghall-fini ta' riforma ta' din il-parti tas-sentenza qed jigi akkolt; filwaqt li l-aggravju tal-konvenuti qieghed jigi milqugh biss u limitatament in kwantu din il-parti tad-decizjoni ghandha tigi mibdula konformement mat-talbiet originali tas-socjeta` attrici. Dan ifisser, mela, li kemm-il darba din il-Qorti tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata rigwardanti responsabbilta`, allura fl-ewwel lok ix-xoghol rimedjali mehtieg irid jigi esegwit mill-konvenuti u mhux mis-socjeta` attrici.

12. Jifdal zewg aggravji, wiehed minn kull naha, dwar ir-responsabbilita` ghal dak li sehh, u dwar l-ammont ta' danni li gew finalment likwidati mill-ewwel Qorti. Il-konvenuti ghadhom jinsistu li huma ma jahtu xejn ghall-fatt li fic-cisterna tfaccaw xquq. Isostnu li huma esegwew xogholhom skond l-arti u s-sengha u dak li gara kien principalment dovut ghall-fatt li s-sit fejn saret ic-cisterna kien inadatt billi kien tafli u zlittanti, kif ukoll minhabba l-fatt li s-socjeta` attrici halliet ic-cisterna inoperattiva ghal zmien konsiderevoli u kien ghalhekk li zviluppaw l-allegati xquq u difetti. Min-naha l-ohra, mbaghad, is-socjeta` attrici tissottometti li l-ammont ta' Lm5,700 likwidat per via ta' danni mill-ewwel Qorti kien wiehed baxx wisq u ma kienx jirrispekkja tabilhaqq id-danni sofferti minnha, filwaqt li baqghet tinsisti li ebda htija ta' kwalsiasi xorta ma kienet attribwibbli lilha u li kull difett fic-cisterna kien tort tal-konvenuti.

13. Dwar ir-responsabbilita`, gew sottomessi zewg rapporti gudizzjarji ta' natura teknika. L-ewwel relazzjoni (a fol. 96 – 123 tal-process) filwaqt li tindika kjarament li tezisti hsara fic-cisterna konsistenti "principalment fi xquq pjuttost wesghin fil-hitan," hija pjuttost neboluza meta tigi biex tirrelata dwar htija. Fil-fatt, l-ewwel relatur spicca biex issuggerixxa li kellu jsir xoghol rimedjali taht id-direzzjoni u supervizjoni tal-konvenuti pero` a spejjez ta' l-attur "bhala l-proprjetarju tac-cisterna" (sic). Frankament, din il-Qorti ssib din il-konkluzjoni bhala wahda stramba, partikolarment meta l-istess relatur aktar qabel fir-rapport (ara para 58, fol.21 tar-relazzjoni, a fol. 120 tal-process) osserva hekk,
"Il-bazi tal-progettazzjoni tac-cisterna kienet l-ezami u l-valutazzjoni teknika tal-karatteristici tat-terren li fuqu c-cisterna giet mibnija. Kif gia` ntqal aktar 'il fuq din hija haga personali u, peress illi huwa impossibbli, wara li x-xoghol ikun komplut, li wiehed jakkwista konjizzjoni shiha kemm tat-terren (kif kien qabel u wkoll wara li gie eskavat) kif ukoll ta' kull ma sar biex dan tlesta biex jista' jiehu fuqu l-pedamenti, hadd ma jista' jasal la biex japprezza oggettivament l-ghazla tat-tip ta' kostruzzjoni u tad-dettaljar strutturali maghmula mill-konvenut u la biex

jipprevedi l-komportament strutturali tac-cisterna '*as a whole*' meta din tkun mimlija".

(Sottolinear ta' din il-Qorti).

Apparti l-incertezza li temani minn din il-konkluzjoni – jekk tammonta ghal daqstant – f'dawk ic-cirkostanzi allura l-konvenuti kien messhom, kif kienu liberi li jaghmlu, ma jaccettawx l-inkariku professjonali moghti lilhom mis-socjeta` attrici u mhux jiehdu l-inkariku biex in segwitu jaraw x'ser jigri bil-progett.

14. Bil-maqlub ta' l-ewwel relatur, il-periti addizzjonali kienu kategorici mhux biss li tezisti hsara fil-giebja (ossija cisterna) *de quo*, imma wkoll illi "ir-responsabbilita` tal-hsara fil-giebja hija tal-konvenuti" (ara relazzjoni a fol. 169 sa 186 tal-process, u partikolarment il-konkluzjonijiet f'para 5.0, fol. 16 tar-rapport, a fol. 185 tal-process). Din il-konkluzjoni mmaturat fuq sensiela ta' konsiderazzjonijiet dettaljati, ta' natura teknika, elenkati f'para 3.6 tar-relazzjoni, a fol. 10 – 13 (a fol. 179 – 182 tal-process). Il-periti addizzjonali kkonkludew li l-hsara kienet dovuta "ghall-konsiderazzjonijiet teknici u ta' disinn li jmur oltre l-konoxxenza u x-xjenza tal-kuntrattur". Fil-fatt, anki l-ewwel relatur skagjona ghal kollox l-intervent tal-kuntrattur ghax-xoghol maghmul minnu. Il-periti addizzjonali, inoltre, kkonkludew ukoll, u dan hu fattur importanti (ara para 3.6. ii) illi "ma hemmx probabilita` li l-hsara hija dovuta ghall-fatturi li l-Perit inkarigat ma setax ikun jaf bihom". Ir-relaturi addizzjonali jimmotivaw u jispjegaw din il-kostatazzjoni b'ragunijiet ta' natura teknika. Anki dwar il-possibbilita` li l-art fejn sar ix-xoghol kienet zlittanti jew inidoneja, dan il-fattur, fil-fehma tal-periti addizzjonali – u dan hu kondiviz pjenament minn din il-Qorti – ma jiskagjonax lill-konvenuti mir-responsabbilita` taghhom u
"...dana peress illi f'kaz ta' lanqas dubbju ta' progettist dwar ir-reazzjoni tas-sottoswol ghal kostruzzjoni simili, l-istess progettist kellu jirrinunzja ghall-inkariku".

Din il-Qorti hadet kont ta' l-aggravju tal-konvenuti taht dan l-aspett dwar responsabbilita` u ma jidhrilhiex li hemm xi gustifikazzjoni fit-talba tal-konvenuti ghal revoka ta' dak li gie deciz in propozitu mill-Qorti ta' l-ewwel grad. Ghalhekk qeghda tirrespingieh.

15. Is-socjeta` attrici interponiet appell ghall-fini ta' riforma mhux biss dwar min ghandu fl-ewwel lok jesegwixxi x-xoghol rimedjali, imma ukoll biex, f'kaz li l-konvenuti ma jesegwux ix-xogholijiet mehtiega kif gew ikkundannati taht l-ewwel talba attrici, allura "is-socjeta` attrici tigi awtorizzata tesegwixxi x-xogholijiet hija a spejjez tal-konvenuti", minghajr pero` ma jkun hemm il-limitu ta' Lm5,700 in linea ta' likwidazzjoni tad-danni rimedjali li jridu jsiru. Is-socjeta` attrici tissottometti, in sostenn ta' dan l-aggravj, li "l-figura (ta' l-ammont ta' flus mehtieg ghat-tiswija) kienet imsemmija mill-periti ..... aktar minn tlett snin qabel ma giet ippronunzjata s-sentenza u kwindi l-prezzijiet minn dakinhar sal-lum gholew". Dan apparti minn fatturi godda jew imprevisti li setghu jinqalghu fil-kors tax-xoghol li jrid jigi intrapriz. Dwar dan l-aggravju, il-konvenuti ma ressqux argumenti bil-kontra, peress li baqghu sa l-ahhar jaffermaw it-tezi li huma bl-ebda mod ma kellhom jirrispondu ghall-hsara fic-cisterna.

16. Din il-Qorti, ghalkemm tirrikonoxxi li hemm certu ammont ta' validita` fl-aggravju tas-socjeta` attrici, madanakollu hija tal-fehma li, bhala Qorti ta' revizjoni, hija ghandha toqghod fuq il-provi li jemergu mill-atti tal-kawza u mhux tibbaza ruhha fuq argumenti teorici li m'humiex wkoll sorretti mill-provi. Dan qieghed jinghad ghar-raguni li biex il-periti addizzjonali waslu ghall-figura ta' Lm5,700 bhala l-ammont fi flus, tad-danni kagjonati tort tal-konvenuti, ekwivalenti ghax-xoghol li jrid jigi intrapriz biex titranga c-cisterna, huma ghamlu elenku tad-danni u tax-xoghol li jinhtieg li jsir. Dan l-elenku jew stima ta' danni gew maghmula bl-aktar mod minuzjuz u jikkomprendi deskrizzjoni dettaljata tax-xogholijiet, tal-kwantita` ta' materjal mehtieg, rati ta' hlas, hlas tal-VAT u drittijiet professjonali talvolta dovuti (ara stima ta' danni a fol. 15 tar-relazzjoni, a fol. 184 sa 185 tar-rapport). Issa li kieku f'xi stadju tal-kawza kellu jirrizulta li s-socjeta` attrici kkontestat dan l-ammont li gie hekk likwidat mill-periti perizjuri, allura certament kemm l-ewwel Qorti, kif ukoll din il-Qorti, kienet tkun fid-dmir li tikkunsidra x'kellha xi tghid l-istess socjeta` attrici, imma provi in sostenn ta' xi riforma rigward dan l-ammont ma tirrizulta minn imkien. Huwa

minnu li din il-kawza inbdiet b'citazzjoni datata 28 ta' Mejju 1981 u l-prezz tal-"*mano d'opera*" u materjal x'aktarx li jizdied u mhux jonqos bit-trapass taz-zmien, imma mill-banda l-ohra ma jistax lanqas jinghad li kien hemm xi dewmien attribwibbli ghal xi nuqqas da parti tal-konvenuti. Anke ghal fini ta' appell, jirrizulta li mid-decizjoni ta' l-ewwel Qorti gie interpost appell sija mill-konvenuti, kif ukoll min-naha tas-socjeta` attrici. Minbarra dan, id-danni kkagjonati mill-konvenuti ma sarux illum imma huma konnessi ma' inkariku li nghata f'Ottubru ta' l-1975. Fil-fehma ta' din il-Qorti, is-socjeta` attrici ma ggustifikatx sufficjentement l-aggravju taghha dwar l-ammont, fi flus, tad-danni, kagjonati lilha mill-kontroparti konvenuta.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tirrespingi l-appell tal-konvenuti in kwantu talbu r-revoka tas-sentenza appellata fil-kawza fl-ismijiet premessi moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta' April 1999; tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-konvenuti solidalment responsabbli ghall-hsara riskontrata fic-cisterna skavata fil-proprjeta` tas-socjeta` attrici fil-Wardija; tilqa' *<u>in</u>* *<u>parte</u>* l-appell tas-socjeta` attrici ghall-fini ta' riforma ta' dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-konvenuti gew ikkundannati jhallsu lill-atturi (recte: l-atturi nomine) is-somma ta' Lm5,700 ghas-saldu tad-danni kollha minnhom kagjonati u konsistenti dan l-ammont fil-valur necessarju sabiex jissewwew id-difetti u l-hsara fl-istess cisterna u sabiex dawn ix-xogholijiet jsiru mill-istess atturi skond kif hemm dettaljat fir-rapport tal-perit addizzjonali, <u>u minflok</u> qeghda tikkundanna lill-konvenuti solidalment bejniethom biex jaghmlu l-imsemmi xoghol huma fi zmien perentorju ta' erba' (4) xhur mil-lum, u fin-nuqqas tawtorizza lill-atturi nomine li jaghmlu l-imsemmi xoghol huma a spejjez tal-konvenuti (dejjem solidament bejniethom) sa spiza massima ta' hamest elef u seba' mitt lira Maltija (Lm5,700), liema xoghol ghandu, f'kull kaz, jigi ssorveljat u dirett mill-AIC Frederick Doublet.

L-ispejjez gudizzjarji jigu rispartiti hekk: dawk relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata; dawk relattivi ghal dan l-appell

jithallsu kwantu ghal zewg terzi ($^2/_3$) mill-konvenuti solidament bejniethom u terza parti ($^1/_3$) mis-socjeta` attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------